Leħen is-Soċjetà Muzikali

San Lawrenz

Belt Vittoriosa A.D. 1883

Harġa Nru. 84

Novembru - Diċembru 2014

Welcome to BeBirgu!

BeBirgu

BeBirgu is Birgu's newest place to be!
Situated in the completely renovated
SAN LAWRENZ Band Club at the Victory Square.

BeBirgu welcomes you every day of the year
for drinks and great food
served in a European Brasserie setting
with a nice lounge style open air patio.

BeBirgu, San Lawrenz Band Club
Victory Square, Birgu
Tel: 77220077 | E-mail: Ed@bebirgu.com

Olde City Pub
is the Best
Restaurant, Take Away & Pizzeria
Prop. Michael Darmanin
99, St Lawrence Street, Vittoriosa
Tel: 21 663 614

Fava Woodworks Co. Ltd.

KW 17B, Corradino Industrial Estate, Paola
Tel: 2182 7650

Manufacturers of all types of Wooden Mouldings

Showrooms at the Factory and
80, St. Joseph High Road, Hamrun

SPECIAL PRICES FOR FURNISHED FLATS OWNERS

Kejkijiet għall-Parties tat-tfal

Aġġezel bejn Bob the Builder, Barbie, Dora,

Princess, Superman, Hello Kitty, etc.

Ċempel lil Steffi fuq 99426970 jew

e-mail: steffibugeja@yahoo.com

Soċjetà Mużikali San Lawrenz
Belt Vittoriosa

Il-Kelma tal-President

Lawrence V. Farrugia

Qegħdin noqorbu lejn tmiem ta' sena oħra li nħarsu lejha b'sodisfazzjon għaliex għas-Soċjetà tagħna kienet sena ta' ħidma u suċċess. Fost il-ħafna attivitajiet u xogħol li saru ma nistgħux ma nsemmux l-inawgurazzjoni tal-leġiju mill-isbaħ li jikkumplimenta l-planċier artistiku li għandna. Kif wieħed jista' jara l-proġett tal-faċċata wasal biex jitlesta ħlief għal ftit irtokki u d-dwal. Kull meta nkun fit-terazzin tal-Każin nitpaxxa nara l-mijiet ta' turisti li jiġu jżuru l-Beltna, malli jaslu fil-pjazza ewlenija jieqfu jħarsu lejn din il-faċċata artistika u jieħdu r-ritratti. Għall-barranin dan il-monument iservi ta' kurżità biex jaraw x'hemm ġewwa u waqt li jkunu hemm jagħmlu użu mill-faċilitajiet ta' livell għoli li nsibu fil-każin. L-attendenza filgħaxija żdiedet ukoll sa tard filgħaxija. Dan mhux jinżel tajjeb minn xi individwi u t-tfixkil mhux jonqos. Bħal m'għamilna f'sitwazzjonijiet simili dan lilna mhux sejjer jaqtagħlna qalbna anzi jentużjażmana biex inkomplu naħdmu biex is-Soċjetà tagħna tibqa' miexja fit-triq tal-progress.

Qiegħed nisma' li hemm interess minn żgħażagħ li jimpenjaw rwieħhom fil-Kumitat tal-Każin. Lil dawn aħna nilqgħuhom b'idejna miftuħa u ngħidulhom li mingħandna jsibu għajnuna għaliex fihom naraw il-futur tas-Soċjetà tagħna.

L-inizjattiva tal-Kumitat Festi Esterni hi li jorganizza Seminar fis-7 ta' Novembru dwar il-Festa 2015. Jekk kif qed jiġi allegat hemm xi problemi għall-Festa li ġejja, nitlob lil dawk kollha li huma nvoluti fl-organizazzjoni tal-festa biex jattendu u jagħtu l-kontribut tagħhom. Dan is-Seminar għandu jkun bidu tat-triq biex il-festa tibda t-triq ta' sostenibilità. Il-Festa ta' San Lawrenz kibret ħafna u għandi d-dubju tiegħi kemm nistgħu nkomplu nsostnu Festa ta' dan id-daqs b'popolazzjoni żgħira li torganizza żewġ festi u b'limitazzjonijiet ta' riżorsi umani. Irridu flimkien inħarsu 'l quddiem. Għandhom jittieħdu noti ta' kull suġġeriment li jsir u wara titwaqqaf 'task force' fejn tingħatalha żmien sakemm tħejji raport u tagħmel ir-rakomandazzjonijiet tagħha. It-Task Force għandha tkun komposta minn rappreżentanti ta' kull kumitat involut fiċ-ċelebrazzjonijiet tal-Festi Esterni ta' San Lawrenz.

Il-Birgu Fest għall-Każin sar attività mpenjattiva ħafna wara li nkunu għadna kemm spiċċajna mix-xogħol tal-Festa. Imma din hija okkażjoni biex is-Soċjetà iddaħħal ftit flus li tant għandna bżonn. Din is-sena kellna inizjattiva ġdida fejn armajna u ftaħna l-Każin għall-pubbliku waqt li fis-sala tal-Kunċerti kien hemm wirja ta' pittura minn ħames artisti. Nikkalkulaw li madwar 700 persuna ġew iżuru l-Każin, fosthom l-Ambaxxatriċi Amerikana li kellha ħafna kliem ta' tifħir għall-ġmiel ta' dan il-palazz u għall-mod li huwa miżmum. Irrid nesprimi l-apprezzament tiegħi għax-xogħol li wettqu l-membri tal-Kumitat flimkien ma' xi helpers biex stajna nlaħħqu mal-preparamenti meħtieġa u x-xogħol b' sigħat twal fil-ġranet tal-Birgu Fest.

Il-Birgu Fest hija inizjattiva tal-Kunsill Lokali u hija l-ewlenija fost l-attivitajiet li qegħdin jiġu organizzati mill-Kunsilli Lokali fil-gżejjer tagħna. Il-poplu jattendi bi ħġaru għaliex Beltna hija unika fil-kostruzzjoni tagħha mżejna bi ġmiel u storja. Kull min iżur Beltna f'dawn il-ġranet jibqa' msaħħar kif il-Vittoriosani jingħaqdu u jaħdmu flimkien għal din l-attività, l-aktar fil-lejla li Beltna tkun imdawwla bix-xemgħa. Ma rridux nieħdu l-affarijiet 'for granted' għaliex il-kompetizzjoni qiegħda dejjem tiżdied minbarra li s-support finanzjarju dejjem jonqos. Fl-ewwel snin kien hemm problema għaliex in-nies kienu jfittxu li joqogħdu fil-pjazza tant li prattikament kienet tkun iġġamjata. Issa din il-problema spiċċat. Grazzi għall-organizzaturi n-nies qegħdin ikunu mxerrda ma' kullimkien. Fl-ewwel snin ta' din l-attività kienet saret deċiżjoni tajba li fil-pjazza ma jintramawx imwejjed. Issa ġara li din qiegħda taħdem kontra dawk l-Għaqdiet li jarmaw fil-pjazza għaliex ħafna min-nies jippreferixxu li joqogħdu bil-qiegħda biex jieklu u jitrejqu. Barra minn dan żdiedu l-istands u dawk kbar li qed jiġu armati mill-kuntratturi qegħdin joħolqu atmosfera li xejn m'hi kompatibbli mal-pjazza kif ukoll joħonqu l-istands tal-għaqdiet u saru ta' kompetizzjoni kbira għall-għaqdiet tal-Birgu. Minħabba li l-bejgħ għal dawk li jarmaw fil-pjazza naqas sewwa u l-ispejjeż kibru kif huwa fatt innegabbli li jeżisti nuqqas ta' riżorsi umani fl-għaqdiet, dan wassal biex din is-sena numru sewwa t'għaqdiet willew il-post tagħhom. Dan effetwa ħażin lill-għaqdiet li jarmaw fil-pjazza. Nifhmu li din hija problema li għandha tiġi ndirizzata kmieni kemm jista' jkun mal-Kunsill Lokali waqt 'post mortem' tal-Birgu Fest ta' din is-sena.

Xi ħaġa li tinkwieta lill-Kumitat tal-każin hija li hemm ftit membri li trid tiġri warajhom biex iħallsu l-Menswalità miżera ta' 10 ewro fis-sena. Din hija qatra fl-oċejan meta tieħu nkonsiderazzjoni li l-membri jingħataw desk diary li jiswa madwar 4 ewro, il-posta għal Newsletter, ċirkularijiet u l-finananzi meħtieġa għaż-żamma u l-kumditá li l-membri jsibu fil-każin. Kieku ħafna minn dan ix-xogħol ma jsirx mill-Membri tal-Kumitat bla ħlas ma nkunux nistgħu nkomplu nagħtu dan is-servizz.

Għalhekk nappella biex malli tibda s-sena l-ġdida kull membru javviċina lill-Kaxxier u jħallas il-menswalità. Nfakkar lil dawk il-waħdiet li għadhom ma ħallsux il-menswalità ta' din is-sena li skont ir-regolamenti tas-Soċjetà tagħna min jispiċċa minn membru, jekk jerġa' jiġi aċċettat bħala membru jkun obbligat iħallas id-dritt ta' tletin (30) ewro.

Ftit ġimgħat oħra niffesteġġjaw il-festi sbieħ tal-Milied u l-Ewwel tas-Sena. Il-Kumitat ħejja numru t'attivitajiet għall-Bandisti u l-Membri. Nixtieq li nara aktar membri jieħdu aktar sehem f'dawn l-attivitajiet u f'dak li jsir fil-Każin u b'hekk inkunu qegħdin ngħinu lill-Kazin.

Nawgura l-Milied it-tajjeb u S-Sena 2015 mimlija hena u prosperità.

Werrej

Il-Kelma tal-President	3
Mill-Birgu tal-Imgħoddi	4
L-aħwa Zammit, żewġ Kanonċi tal-Kolleġġjata Lawrenzjana	5
Checks and Balances	6
Konferma tal-popolarità tal-Banda San Lawrenz	7
Il-Prinċep William fil -Belt Vittoriosana	8
Jagħlqu l-applikazzjonijiet għal Surmast Direttur	8
Ikla tal-Milied	9
Għalina n-Nisa	10
Wiċċ'Imb'Wiċċ ma' Lawrence Theuma	11/13
Attivitajiet Novembru/Diċembru	14

Editur
Simon Farrugia

Riklami
Oscar Adami
Simon Farrugia
Lawrence V. Farrugia

Proofreading
Bjorn Callus

Ritratti
Melvin Degiorgio
Noel Gauci
Lawrence Parascandolo
Elton J. Randich

Ritratt Faċċata
Pittura tan-Nativitá xogħol
Dashinvaine (Gordon Napier)

Stampat

Triq l-Industrija, Qormi
Tel: 21 250 994 Mob: 9949 0344
printright@onvol.net

Mill-Birgu tal-Imgħoddi

Anton Attard

Kapuċċini Prominenti fl-Istorja ta' Beltna

Skont l-istoriku Patri Timotju mill-Belt, il-Birgu għandu l-unur li laqa' l-ewwel patri Kapuċċin li wasal fi Gżiritna. Kien Patri Roberto minn Eboli. Dan il-Kapuċċin għaref u qaddis kien wasal Malta, wara li nħeles mill-jasar fi Tripli, ftit xhur qabel l-Assedju tal-1565. Kien waqt dan l-assedju l-aktar li deher dan is-saċerdot qalbieni.

Il-Kapuċċini huma magħrufa għas-sehem li kieni jagħtu fil-battalji tal-Kristjani kontra l-Forzi tan-Nofs Qamar. Kont issibhom fuq quddiem fl-eqqel tal-battalja, bis-Salib f'idejhom, iħeġġu lill-ġellieda Nsara jkomplu jissieltu b'kuraġġ għar-rebħ ta' twemminhom. Fost dawn baqgħu jissemmew Patri Giovanni minn Troia li fl-1535 kien fuq quddiem fl-ispedizzjoni ta' Karlu V kontra l-pirati ta' Barbarossa. L-istess għamlu Kapuċċini oħrajn fil-Battalja ta' Lepanto f'Ottubru tal-1571. Fl-1601, fl-Ungerija spikka l-eroiżmu ta' San Lawrenz minn Brindisi, fil-battalji tal-Imperatur Rudolfo kontra t-Torok u tal-Kapuċċin Venezjan Marku minn Aviano f'Settembru tal-1683, waqt l-Assedju ta' Vjenna. Iżda qabilhom kien għamel dan Patri Roberto minn Eboli f'Malta, ftit xhur wara li kien ilu fostna, waqt l-Assedju tal-1565.

Meta fit-18 ta' Mejju 1565 tfaċċat il-flotta Torka riesqa lejn gżiritna, Patri Roberto beda Kwaranturi bil-fervorin fil-Knisja ta' San Lawrenz li għalihom attendiet il-ġerarkija tal-Ordni mill-Granmastru De Valette 'l isfel. Kull siegħa, il-Kapuċċin kien jagħmel priedka mqanqla, li permezz tagħha kien iħeġġeġ u jagħmel kuraġġ lill-kavallieri.

Wara, meta beda l-assedju, tħalla miktub li kont issibu fl-eqqel tal-ġlied. Waqt id-difiża ta' Sant Iermu, meta kien qed jagħmel kuraġġ lill-kavallieri u jamministra s-sagramenti lill-moribondi, safa ferut u ttieħed għall-kura f'Sant' Anġlu.

Meta bdew l-attakki fuq il-Birgu, il-Bosio kiteb li, għalkemm korrut, meta sema l-ħsejjes tal-battalja, qam jiġri u b'Kurċifiss f'idu mar jamministra l-aħħar sagramenti lill-midruba u jħeġeġ lill-kavallieri u lill-Maltin biex jirreżistu lill-għadu li kien kotran ħafna iżjed minnhom. F'wieħed minn dawn l-attakki, dak tal-20 ta' Awwissu reġa' ġie ferut, iżda xorta waħda kompla bil-missjoni li kien beda.

Il-fama ta' qdusitu ġiet konfermata wara l-irtirata Torka. Dan għax f'laqgħa ta' talb li kien għamel fil-pjazza tal-Birgu fid-29 ta' Awwissu kien ħabbar li r-rebħa kellha ssir fl-ewwel jiem ta' Settembru, kif fil-fatt seħħ.

Kif intemm l-assedju, Patri Roberto kien il-protagonist waqt it-talb ta' ringrazzjament lil Alla u l-kant tat-Te Deum li sar fil-Knisja ta' San Lawrenz

L-istoriku kapuċċin Patri Timotju jgħid lil l-Granmastru De Valette, l-Isqof Cubelles u l-Kunsill tal-Ordni, u aktar tard, il-Granmastru La Cassier, imsaħħrin mill-qdusija, l-għerf u l-ħila erojka ta' Roberto minn Eboli, tant inġibdu lejn l-Ordni Kapuċċina, li bdiet ħidma biex din l-Ordni tasal f'Malta wkoll. Għalkemm f'dawk is-snin, minħabba xi ċirkostanzi, dan ma deherx li kien possibbli, seħħ fi żmien il-Granmastru Verdala fl-1588, meta waslu l-ewwel tmien patrijiet, erbgħa minnhom Maltin.

Kapuċċin Vittoriosan Prominenti

Kapuċċin ieħor li jistħoqqlu għarfien fi ġrajjet din il-belt huwa Fr. Francesco da Vittoriosa, li qabel ħaddan l-Ordni kien kunjomu Rizzo.

Minn artiklu ta' Dr. Winston L. Zammit, fir-rivista *Dawl Franġiskan* u minnekroloġija li dehret fil-ġurnal *L'Ordine*, wara mewtu, nieħdu tagħrif interessanti dwar dan is-saċerdot ħabrieki Vittoriosan.

Kien predikatur imfittex ħafna, iżda l-aktar li baqa' magħruf kien għall-ħidma li wettaq fost il-Maltin emigrati f'diversi pajjiżi mal-kosta tal-Mediterran. Kienet ħidma ta' ħtieġa ħafna meta tqis li qrib nofs is-seklu dsatax, lejn dawk l-inħawi, minħabba, n-nuqqas ta' xogħol f'Malta, kienu emigraw hemm aktar minn 10,000 ruħ.

Meta kien novizz intbagħat jistudja f'Ruma u fi vjaġġ minnhom il-ġifen li kien fuqu safa attakkat minn xini Alġerina u n-novizz Francesco ttieħed ilsir. Kien inħeles fi Frar tal-1801.

Wara li ġie ordnat saċerdot, wettaq appostolat b'diversi modi, fosthom il-predikazzjoni, f'diversi knejjes. Iżda fl-1831, ħalla Malta biex mar jaħdem fost il-Maltin ta' Smyrna. Minn hawn irħielha lejn Lixandra, fejn ħadem fost l-2000 Malti li kien hemm f'dik il-belt, li għadd minnhom kienu ttieħdu mill-marda tal-pesta, waqt epidemja li kienet ħakmet dik il-belt għal xi xhur. Fl-1834 reġa' lura fi Smyrna, b'ħidmietu tinfirex ukoll fost l-emigranti Taljani, tant li ppriedka l-kwareżimal fl-Avvent u fir-Randan ta' dik is-sena. Wara sentejn mar Tunis u minn hawn kompla l-missjoni tiegħu f'Bona u Costantin, fl-Alġerija.

Lura f'Malta, ingħata għadd ta' karigi fil-Kustodja Kapuċċina ta' Malta u meta din, fl-1840, saret Provinċja, inħatar Definitur. Fil-Kapitlu Provinċjali li nżamm f'Ottubru 1845 sar Ministru Provinċjal. Wara tliet snin f'din il-kariga prestiġjuża, reġa' mar għal żmien qasir f'Tunis.

Ġie lura meta saħħtu bdiet sejra lura. Miet fil-kunvent tal-Furjana, meta kien l-ixjeħ Kapuċċin tal-Provinċja Maltija, nhar it-2 ta' Diċembru 1850.

L-aħwa Zammit, żewġ Kanonċi tal-Kolleġġjata Lawrenzjana

minn George Cilia

Dun Lawrenz l-akbar fost ħutu, twieled fil-Birgu fis-17 t'Ottubru, 1914 mis-Sur Francesco Zammit u s-Sinjura Giovanna nee' Gabaretta. Studja l-Liċeo u l-Universita' ta' Malta mnejn ħa l-grad tal-Baċellerat tal-Arti u l-liċenzja fit-Teoloġija. Rebaħ il-Government Travelling Scholarship għax ġie l-ewwel fil-kors tat-Teoloġija.

Dun Lawrenz Zammit kien ordnat suddjaknu mill-Arċisqof Caruana u dan innominah kanoniku tal-Kolleġġjata tal-Birgu fil-5 t'Ottubru, 1939. Fit-8 ta' Mejju, 1940 ġie ordnat saċerdot mill-Arċisqof Gonzi.

Dun Anton Zammit Gabaretta , ħu Dun Lawrenz, l-iżgħar fost ħutu, twieled il-Birgu fit-2 ta' Mejju, 1930. Wara li temm l-istudji tiegħu fil-Liċeo u fl-Universita' Rjali ta' Malta, l-Arċisqof Gonzi ordnah saċerdot fil-21 ta' Marzu, 1953 fil-Parroċċa ta' San Filep, Ħaż-Żebbuġ. Il-familja Zammit kellhom imorru joqgħodu Ħaż-Żebbuġ fis-16 ta' Jannar, 1949 meta Dun Lawrenz ħa l-pussess ta' Arċipriet ta' dan ir-raħal, fejn dam sal-1963. Fis-17 ta' Diċembru, 1953 wara l-eżami tal-konkors għat-Teologat Dun Anton mar tajjeb ħafna, ħa l-pussess ta' Kanonku Teologu tal-Kolleġġjata. Ma' nistgħax ma'nsemmix l-imħabba li kellhom dawn iż-żewġ aħwa kanonċi lejn San Lawrenz u l-Birgu tiegħu flimkien mad-devozzjoni lejn San Ġużepp. Il-membri u l-antenati tal-familja Zammit kollha kienu fratelli tal-fratellanza ta' San Ġużepp bil-festa Ġużeppina monopolju tagħhom.

Dun Lawrenz

Qed nikteb fuq dawn iż-żewġ saċerdoti Vittoriosani u devoti ta' San Lawrenz għax bi pjaċir kbir reġgħa ssemma isem Dun Lawrenz minn Monsinjur Lawrenz Mifsud f'waħda mill-ġranet tan-Novena u l-istess għamel l-Arċipriet fid-diskors tiegħu fl-Antiviġilja. Sirna nafu li Dun Lawrenz ħaseb fit-testment tiegħu, fejn offra l-alba bil-bizzilla maħduma l-Belġju, ta' meta ħa l-pussess ta' Kanonku Penitenżier tal-Katidral tal-Imdina fil-21 ta' Lulju, 1963, lill-Knisja ta' San Lawrenz fejn l-iskop kien li din tintlibes fuq l-istatwa titular. Ħsieb tassew nobbli ta'min jimitaħ, ħsibijietu dejjem imtajrin lejn il-qaddis martri tagħna. Bir-rispett kollu, ommi kienet tgħid li l-alba li għandha fuqha l-istatwa hija rigal tal-aħħar Inkwiżitur Giulio Carpena, u l-bizzilla hija xogħol Għawdxi. L-alba għandha valur storiku qawwi; hemm għanda tibqa.

Monsinjur Lawrenz Zammit B.A., Lic. D. miet nhar l-10 ta' Ġunju, 1973.

Dun Anton

Malli faqqet il-gwerra f'Ġunju, 1940 il-familja sabet refuġju ġo dar f'Birkirkara. Dun Anton baqa jistudja sakemm fl-1953 beda jaħdem fl-arkivji tal-Ordni ta' San Ġwann fejn minn hemm leħaq Research Assistant and Catologuer fil-Bibblijoteka Nazzjonali. Kompla l-kors tal-arkivista f'Ruma fejn kiseb diploma ta' arkivista mingħand l-Eminenza l-Kardinal Ewġenju Tisserant. Qabel irritorna lejn Malta għadda bosta xhur jistudja fl-arkivji ta' Napli u Palermo. Fl-20 ta'Jannar, 1965 inħatar dekan tal-Kolleġġjata ta' qalbu bis-saħħa tal-Bolla Pontifiċja tal-Q.T. il-Papa Pawlu VI. Fl-istess sena ntgħażel Kappillan tal-Ordni tal-Kavallieri ta' Malta. F' April tal-1978 iċċelebra l-Ġublew tal-Fidda Saċerdotali ma' sħabu l-kanoniċi membri kapitulari ta' San Lawrenz.

Dun Anton Zammit Gabaretta kien membru fil-Kumitat tal-Historical & Cultural Society sa'mill-bidu tas-Soċjeta' fl-1954. Illum is-Soċjeta' qed tikkomemora s-sittin sena mit-twaqqif. Wara l-mewt tal-ewwel President Dr. Louis Buttigieg sar it-tieni President tas-Soċjeta'. Dun Anton baqa dejjem jieħu parti attiva' fil-ħidma kulturali u soċjali li torganizza soċjeta' sa'meta l-mewt ħasditu fl-1 ta' Settembru, 1983 fl-eta' ta' 53 sena.

Emenda għall-Istatut

Artiklu 63A

Sa ġimgħa qabel id-data tal-Laqgħat Ġenerali rispettivi, is-Segretarju jilqa' nomini għall-Uffiċjali u karigi li jiffurmaw il-Kumitat kif imfissra fl-Art. 57. Dawn iridu jkunu ffirmati minn Bandist / Membru Propjetarju jew Membru li jipproponi u ieħor minn dawn li jissekonda, u mill-persuna proposta. Waqt il-laqgħat ġenerali ma jiġux aċċettati nomini jekk is-Segretarju jkun irċieva biżżejjed nomini. Sa mhux aktar tard minn tliet ġimgħat qabel il-Laqgħat Ġenerali għandu jitwaħħal avviż fin-Notice Board tal-każin bid-dati u l-ħin tal-laqgħat.

Checks and Balances!

Bjorn Callus - Segretarju

F'din l-aħħar pubblikazzjoni għal din is-sena, u bħal kull sena, dejjem normalment nħarsu ħarsa lejn is-sena li tkun għadha kemm għaddiet minn fuqna u nevalwaw ftit x'għamilna bħala Kumitat tal-Każin, jekk ilħaqniex l-għanijiet tagħna, jekk hux qegħdin f'pożizzjoni aħjar mis-sena l-oħra u nista' nibqa' sejjer. M'hinix bi ħsiebni noqgħod nsemmi x'sar u x'ma sarx, għal dak hemm l-artiklu tiegħi fil-Programm tal-Festa u r-Rapport Amministrattiv li ser nkun qed nippreżenta matul Jannar li ġej.

Madanakollu xorta waħda xtaqt li naqsam magħkom il-qarrejja ftit ħsibijiet ġenerali. Dan il-kumitat ser ikun qed jikkonkludi t-terminu tiegħu biex matul Jannar tas-sena d-dieħla jinħatar kumitat ġdid għas-sentejn li ġejjin. Ilkoll nafu li fis-sentejn li għaddew saru biss biss 3 proġetti kbar li normalment ikunu il-highlight ta' 'leġislatura' waħda. Qiegħed nirreferi għall-iżvilupp tas-Sular t'isfel, ir-restawr tal-Faċċata u t-tlestija tal-injam kollu tal-Faċċata. Tgħiduli imma ir-restawr tal-faċċata u l-iżvilupp tal-Bar mhux minnkom sar. Min jgħid jew jaħseb hekk, ma jkunx jaf x'inhu jgħid. Jekk nħarsu lejn ir-restawr tal-faċċata, dan ma kienx ikun possibbli mingħajr il-perseveranza tal-kumitat li għall-snin twal studjaw u ppruvaw jaraw il-possibilitajiet kollha sabiex din il-ħolma sseħħ. L-istess jista' jingħad għall-iżvilupp tal-Bar u s-sular t'isfel, apparti l-ħafna xogħol li sar minn membri tal-Każin. Il-kapaċità ta' kumitat titkejjel ukoll minn kemm kapaċi jattira investiment u żvilupp lejh, xi ħaġa li bla dubju ta' xejn irnexxielna nagħmlu bil-kbir.

Bħalissa għaddejjin ukoll minn esperjenza li ħadd fil-każin kważi m'għaddha minnha – l-għażla ta' Surmast Direttur Ġdid. Wara 35 sena ta' servizz impekkabbli, is-Surmast attwali Paul Schembri wera x-xewqa li jirriżenja minn din il-kariga prestiġġjuża. Għalkemm kontra qalbna, ridna nimxu 'il quddiem u hekk qed nagħmlu b'responsabbiltà liema bħalha. Fil-fatt, anke b'pariri professjonali, għażilna li nagħmlu l-għażla għal-Surmast Direttur waħda trasparenti għall-aħħar u miftuħa kemm jista' jkun biex ikollna għażla tajba ta' applikanti. Ftit huma l-każini li jagħżlu li jużaw proċess metikoluż bħal dan. Nistennew il-ħarġa li jmiss sabiex dan il-proċess ikun mitmum u jkun magħruf min ser ikun is-suċċessur ta' Mro Paul Schembri.

Fl-istess waqt ta' dan kollu li semmejt, u kif diġà aċċennajt iktar 'il fuq, it-terminu ta' dan il-kumitat ser ikun qed jispiċċa propju matul ix-xahar ta' Diċembru. Dan ifisser li bħalissa rridu u qegħdin nippjanaw kumitat ġdid li jkun jista' jkompli għaddeja l-ħidma sfieqa u r-ritmu li qabdu l-kumitati fl-aħħar snin. Ser ikun hemm xi ftit uċuh ġodda jekk alla jrid, u anke l-età medja tal-kumitat ser titbaxxa drastikament. Dan ser ikun qed jgħin biex il-kumitat isir iktar dinamiku u adattat għall-isfidi tal-lum, tant li nħoss li dan il-kumitat jista' jkun 'ice breaker' tajjeb lejn ħafna nies li forsi ma jħossuhomx daqshekk qrib il-każin.

Min-naħa tagħna dejjem nippruvaw nagħmlu kemm nistgħu biex nġibu n-nies qrib u anke l-membri jħossuhom involuti, għal daqstant minn hawn nistieden lil dawk kollha li huma membri u jinteressahom il-każin sabiex jattendu għal-laqgħat ġenerali li ser ikunu qed isiru lejn l-aħħar ta' Jannar 2015, biex ta' bilħaqq jaraw ix-xogħol kollu li jkun sar ġewwa l-każin matul sena sħiħa.

Xtaqt nagħlaq dan il-messaġġ tiegħi bi ħsieb żgħir fuq dawn il-ġranet tal-festi sbieħ tal-Milied, ġranet li normalment ifakkruna fil-familja. Nappella lil kulħadd igawdi lil dawk ta' madwaru fi spirtu sabiħ u ġenwin. Il-Milied u s-sena t-Tajba lil kulħadd.

Messaġġ tal-Arċipriet – Kan. Joe Cilia

Il-Milied huwa żmien ir-rigali. It-tfal u kull min jaħsiba bħalhom jieħdu gost jirċievuhom, fil-waqt dawk li huma l-aktar maturi u ġenerużi jieħdu aktar gost jagħtuhom. Int x'tieħu gost tagħmel l-iktar?

Jien ngħid għalija dejjem ħadt gost iktar li nagħti, imma taf xejn li din is-sena ġietni xewqa kbira li għall-Milied, lil dawk li huma qrib tiegħi u l-aktar li nħobb, ma nagħtihom xejn.

Lil marti nixtieq li noħdilha dubji kollha tagħha, dwar imħabbti għaliha, noħdilha s-suspetti li jistgħu jidħlu f'moħħha u minflok nagħtiha serħan il-moħħ u serħan il-qalb. Lil uliedi nixtieq noħdilhom il-memorja u kull kelma negattiva li għidtilhom fil-passat, noħdilhom il-vojt li ħallejtilhom għax ma kontx preżenti meta kellhom bżonni u minflok nagħtihom iktar ħin u eżempji tajba.

Lill-ġenituri, nixtieq li noħdilhom kull mument ta' solitudni li jista' jkollhom, kull rimors mill-passat u minflok inħallihom igawdu aktar il-kumpanija tiegħi, u nassigurhom li huma dejjem għamlu l-aħjar li setgħu. Lil ħbieb u sħabi tax-xogħol nixtieq noħdilhom id-dubji li jista' jkollhom mill-ħbiberija u s-solidarjetà tiegħi lejhom, u minflok nagħtihom aktar rispett u għajnuna.

Aħna wkoll, ma nixtiequx li nirċievu rigali dal-Milied, imma nitolbu lil Ġesù tarbija biex joħdilna l-ħafna toqol żejjed li tabbejna bih matul iż-żmien, għax ħsibna li ma nistgħux ngħaddu mingħajru, kif it-tfal jaħsbu li ma jgħaddux mingħajr il-ġugarelli.

Il-Milied it-Tajjeb.

Konferma tal-popolarità tal-Banda San Lawrenz

minn Simon Farrugia

Ninsabu ftit ġranet il-bogħod mill-Festi tal-Milied bil-Kumitat tas-Soċjeta' tagħna ftit ġranet bogħod mit-tmiem tat-terminu ta'sentejn tiegħu. Fil-fatt kif tistgħu taraw hawn taħt, il-Laqgħat Ġenerali għall-elezzjoni tal-Kumitat il-ġdid ser isiru lejn tmiem ix-xahar ta' Jannar. Kif jidher ukoll f'din il-ħarġa wara Laqgħa Ġenerali Straordinarja li saret nhar it-Tlieta 18 ta' Novembru, 2014 saret emenda fl-Istatut fejn issa s-Segretarju ser jibda jilqa' n-nomini għall-Kumitat minn qabel. Inħeġġeġ lil kull min jista' jagħti kontribut lil din l-akbar Għaqda fil-Belt tagħna sabiex jipparteċipa fil-Kumitat.

Bla dubju ta' xejn dan iż-żmien huwa wieħed interessanti u ta' sfidi kbar għas-Soċjeta' tagħna. Ftit huma dawk li hemm fil-Kumitat preżenti li jiftakru bidla fit-tmexxija tal-Banda peress li l-aħħar bidla saret fl-1980 wara l-mewt tas-Surmast Hector Dalli. Naħseb li huwa l-President is-Sur Lawrence V. Farrugia u Giovann Pisani li kienu l-uniċi t-tnejn preżenti fil-Kumitat 35 sena ilu u li għadhom fil-Kumitat sal-lum il-ġurnata.

Kienet ix-xewqa tas-Surmast Paul Schembri li wara l-Festa li għaddiet jirtira fejn aħna bħala Kummissjoni Banda tkellimna mas-Surmast u wasalna għal ftehim li huwa jirtira s-sena d-dieħla, dan sabiex ikun għamel 35 sena fit-tmexxija tal-Banda glorjuża tagħna, indubjament l-aktar Surmast li dam imexxi l-Banda tagħna. Diffiċli li nsib kliem sabiex nirringrazzja lis-Surmast Schembri li b'wiċċi minn quddiem ngħid li matul is-27 sena li ilni fil-Kumitat kont l-aktar persuna viċin tiegħu. Bħala Kumitat ninsabu kommessi li nuru ringrazzjament lis-Surmast Schembri bi Programm Mużikali speċjali li hemm ħsieb li jsir nhar it-Tnejn 3 t'Awwissu, 2015. Fl-istess Programm jiġi preżentat is-Surmast il-ġdid fejn tgħaddi l-bakketta f'idejh u minn hemm jibda r-renju tiegħu.

Fil-fatt għadhom kemm għalqu l-applikazzjonijiet għas-Surmast il-ġdid fejn nista' ngħid li qbajt sorpriż bin-numru ta' applikazzjonijiet li rċevejna. Dan juri l-kobor tal-Banda tagħna fejn huma d-diversi surmastrijiet li qed juru interess f'din il-kariga. Bħala Kumitat iddeċidejna li naħtru board ta' għażla sabiex dan wara evalwazzjoni tal-applikazzjonijiet kollha jagħmel ix-xogħol tiegħu sabiex finalment jasal għal konklużjoni u rakkomandazzjoni lill-Kumitat dwar il-persuna l-aktar addattata sabiex tmexxi l-Banda għas-snin li ġejjin. Ovvjament id-deċiżjoni finali tibqa f'idejn il-Kumitat Ċentrali.

Minbarra dan il-Kummissjoni Banda bħalissa għaddejja wkoll b'numru ta'proġetti fejn fost oħrajn diġa nxtraw numru ta' 'box files' sabiex fl-arkivju l-ġdid li sar dan l-aħħar fis-Sala tal-Kunċerti tiġi stivata l-mużika li żdiedet fl-arkivji mużikali tal-banda f'dawn l-aħħar snin. Qed isiru wkoll kopertini ħomor ġodda għal fuq il-Plancier fejn fuq dawn ser ikun hemm 'engraved' l-arma tal-banda kif ukoll l-istrument. Beda x-xogħol ukoll fuq librett ġdid tal-marċi funebri fejn inġabru l-aħjar komposizzjonijiet li hemm fl-arkivju biex ikollna librett ġdid b'marċi li jindaqqu matul il-proċessjoni tal-Ġimgħa l-Kbira. Inxtrat ukoll sistema tas-sound li din tkun tista tintuża kemm waqt ir-rehearsals tal-Banda kif ukoll f'xi attivitajiet oħra li jkollna fil-Każin.

Kif tistgħu taraw ix-xogħol dejjem għaddej fi ħdan is-Soċjeta' Mużikali San Lawrenz fejn l-importanza lejn il-Banda hija prijorita ewlenija. Il-Kumitat huwa dejjem dispost li jinvesti fil-banda fejn anki fit-tagħlim mużikali żdiedu n-numru ta' allievi pero' dan qatt m'huwa biżżejjed. Fil-fatt qed inkomplu naħdmu biex inkabbru l-iskola mużikali tagħna fejn fost oħrajn ser naraw li bil-ħatra tas-Surmast il-ġdid jiżdied it-tagħlim fil-Każin tagħna.

Fl-aħħarnett filwaqt li nawgura Milied Ħieni u Sena Ġdida mimlija b'dak kollu li tixtieq qalbkhom, nagħmel appell sabiex tattendu u tipparteċipaw fl-attivitajiet li torganizza s-Soċjeta' kemm fil-ġranet tal-Milied kif ukoll matul is-sena.

Laqgħat għall-Elezzjoni tal-Kumitat 2015/2016

It-Tnejn 26 ta' Jannar, 2015 – Laqgħa Ġenerali Mista sabiex jiġi approvat ir-Rappport Amministrattiv u dak Finanzjarju

It-Tlieta 27 ta' Jannar, 2015 – Laqgħa Ġenerali tal-Bandisti/Membri Propjetarji sabiex jiġi elett parti mill-Kumitat

L-Erbgħa 28 ta' Jannar, 2015 – Laqgħa Ġenerali tal-Membri sabiex jiġi elett il-kumplament tal-Kumitat

Il-Prinċep William
fil-Belt Vittoriosa

Nhar il-Ħadd 21 ta' Settembru, 2014 il-Belt Vittoriosa laqgħet lill-Prinċep William bħala parti miż-żjara li l-membru tal-familja Rjali kien qed jagħmel f'pajjiżna. Kien unur kbir għal din il-Belt storika li l-Prinċep William, li kien qiegħed hawn Malta fl-okkażjoni tal-50 Anniversarju tal-Indipendenza iżurna. U huwa unur akbar li l-Prinċep William żar il-Knisja Arċipretali ta' San Lawrenz u ġie mdawwar madwar din il-Knisja Monumentali fejn intwera u apprezza t-teżori uniċi li jagħmlu lill-Knisja tagħna ġawhra imprezzabbli.

Jagħlqu l-applikazzjonijiet għal Surmast Direttur

Is-Soċjetà Mużikali San Lawrenz tal-Belt Vittoriosa għada kemm laqgħet applikazzjonijiet għal Surmast Direttur li fetħu l-Ħadd 19 t'Ottubru 2014 u għalqu l-Ġimgħa 14 a' Novembru 2014. Dan wara li s-Surmast preżenti, Mro Paul Schembri, ħabbar uffiċjalment li ser ikun qiegħed itemm il-kariga tiegħu ta' Surmast is-sena d-dieħla, is-sena li fiha jagħlaq 35 sena Surmas Direttur tal-istess Soċjetà. Is-Soċjetà Mużikali San Lawrenz tal-Belt Vittoriosa tixtieq tirringrazzja lil Mro Schembri għas-servizz twil, leali u ta' livell mużikali għoli li ta lil din il-Banda Vittoriosana, fost l-ewlenin f'pajjiżna. Il-proċess li jmiss huwa li ssir l-evalwazzjoni tal-applikazzjonijiet li b'wiċċna bil-quddiem ngħidu li kien hemm numru konsiderevoli ta' applikanti u wara l-Bord tal-Għażla jibda x-xogħol tiegħu sabiex finalment jiġi magħżul is-Surmast Direttur ġdid għall-Banda tagħna.

Ikla tal-Milied fil-Cavallieri Hotel
Il-Ġimgħa 12 ta' Diċembru, 2014

Is-Soċjeta' Muzikali San Lawrenz ser torganizza Ikla tal-Milied nhar il-Ġimgħa 12 ta' Diċembru, 2014 fil-Cavallieri Hotel, San Ġiljan. Biljetti għal din l-attivita' jistgħu jinkisbu mingħand il-Kaxxier tas-Soċjeta' s-Sur Oscar Adami jew mingħand is-Sur Eugenio Pellicano, Assistent Segretarju. Prezz €28 trasport inkluż. Għal aktar informazzjoni tistgħu wkoll iċċemplu fuq 9947 2142 jew 7961 7288. Il-Menu tal-Ikla jinsab hawn taħt.

Menu

Welcome drink

Starters

A variety of mouth watering salads and antipasti consisting of cured and cooked meats, smoked, poached and marinated fish, together with selection of homemade terrines and pates. Composed and simple salads prepared by our garde manger chef together with dressings and condiments

Soup Tureen

Carrot and Ginger Soup

Pasta Corner

Pennette with a chicken ragout, cream and sun dried tomato pesto
Farfalle served with Italian ricotta, dice aubergines and rucola

Main Course

Stuffed perch with prawns, served with a mussels and leek sauce
Beef hot pot with a mushroom fricassee and peas
Grilled chicken breasts flamed with brandy and served with thyme jus
Vegetarian – Rice and turmeric pilaf with brunoise of vegetables
Carvery- Roast traditional turkey accompanied by a cranberry jus, bacon and sausages chipolata
Baked potatoes with sun dried tomatoes and fresh rosemary
Sauté potatoes
Italian peperonata
Panache of vegetables with clarified butter

Sweet Tooth Bar

Fresh fruit
Traditional Christmas desserts
A selection of tempting sweets delights including homemade puddings,

tarts, gateaux and freshly baked pies from our patisserie

1 glass of soft drink or wine

Għalina n-Nisa

ricetta

L-Għadma ta' Novembru (tal-mejtin)

Għall-għagina

300g marġerina
170g zokkor
575g dqiq plain
2 isfra ta-bajda
Kuċċarina baking powder
Kuċċarina essenza tal-vanilla
Qoxra tal-lumija maħkuka
Ftit ilma jekk hemm bżonn

Għall-mili

400g lewż mitħun
300g icing sugar
Essenza tal-vanilla
Qoxra tal-larinġa u lumija maħkuka
Grokk anisette
Grokk maraskina jew xorb ieħor li tixtieq
Nofs kuċċarina mixed spice
Nofs kuċċarina msiemer tal-qronfol
2 abjad tal-bajd

Metodu:

Ipprepara l-għaġina billi tħallat l-marġerina flimkien mad-dqiq u wara żid iz-zokor, l-isfra u jekk hemm bżonn biżżejjed ilma biex tifforma għaġina.

Għall-mili, ġo bowl ħallat l-ingredienti kollha u żid bil-mod l-abjad tal-bajd sakemm tifforma intrita kemmxejn soda.

Iftaħ l-għaġina, aqta' f'rettangoli u poġġi l-mili fin-nofs. Idlek it-tarf bi ftit ilma, itwi u agħfas sewwa waqt li tagħfas l-aktar għal forma ta' għadma. Ibqa' sejra hekk sakemm tlestihom.

Aħmi b'temperatura ta' 170C għal madwar 25/30 minuta jew sakemm tiħmar l-għaġina. Jekk trid tiksihom bl-icing dejjem meta jkunu kesħu kompletament, għamel madwar 300g icing sugar flimkien ma' biżżejjed ilma u ftit vanilla biex iġġib konsistenza tajba li tista' tidlek fil-wicc tal-għadam.

Tajjeb li tkun taf

• Qabel troxx id-dqiq fuq il-lembuba, qabel tużaha, daħħalha fil-friżer għal mument jew tnejn u ma teħillekx mal-għaġina.
• Biex taqta' l-għaġina żejda li jkollok barra mid-dixx jew turtiera, għaddi l-lembuba sewwa minn fuq it-tarf tad-dixx jew turtiera u l-għaġina żejda tinqata' waħedha.
• Meta tkun qed tagħmel l-għaġina, żomm borża tal-plastik ħdejk biex tilbisha f'idejk jekk ikollok twieġeb it-telefon jew tiftaħ il-bieb, biex ma ċċappas xejn u mkien bid-dqiq.
• Jekk ma jkollokx biex tqatta' r-roti tal-għaġina, tista' tuża tazza rasha 'l isfel fuq l-għaġina u taqta' r-roti biha. U għall-għaġina tonda għall-pizza, agħmel użu mill-għatu ta' kazzola.
• Biex tiftaħ l-għaġina li jkollha l-butir fiha, iksi l-lembuba bil-icing film biex il-butir li jkun hemm fl-għaġina ma jeħilx magħha.
• Biex tiffranka ħin u xogħol, meta tkun se trembel il-butir fid-dqiq, l-ewwel kessħu tajjeb, imbagħad ħokku fid-dqiq jew taħlita li jkollok u tiffranka ħin u xogħol żejjed.

Ħsibijiet interessanti

- Fuq il-karru tal-mejtin qatt ma jkun hemm luggage racks.
- Dawk li jimxu mal-kurrent, li jitkellmu kif jitkellem ħaddiehor u ma jaħsbu qatt b'rashom, tajjeb li jiftakru li hi biss il-ħuta mejta li timxi mal-kurrent. Il-ħut ħaj jgħum kontra l-kurrent.
- Inkunu xjaħna hekk kif id-dispjaċiri jieħdu post il-ħolm.
- Li ttir ħaġa utli iżda wara jeħtieġ li tillandja.

Wiċċ Imb'Wiċċ ma' Lawrence Theuma

minn Paul Micallef

Minħabba li Lawrence Theuma għamel ħafna żmien bħala għalliem fl-iskola Primarja tal-Birgu u wara l-iskola sekondarja ta' Bormla, ħafna nies kienu jafuh u għadhom jafuh bħala s-'Sir Theuma'. Jien li qatt ma kont student ta' din l-iskola għalija qatt ma kien 'Sir'. Iktar nafu minħabba li ma tantx kien joqgħod 'il bogħod minnha, hu fi Triq il-Kwartier u jien Hilda Tabone u għalhekk biex imur il-pjazza kien ikollu jgħaddi minn quddiemna.

Pero` l-iktar li nafu kien minħabba li sa mis-sena 1956 beda jżomm u għadu jżomm mat-tijm taljan tal-Fiorentina. Fil-fatt flimkien ma' missieri u oħrajn fosthom Alex D'Amato minn Ħal-Tarxien kienu waqqfu il-Viola Club ta' Malta. Hu fatt magħruf anke kif jixhed l-isem tad-dar ta' fejn toqgħod ommi "Fiorentina" kemm missieri kien u jien għadni nżomm ma' dan it-tijm minn Firenze. Dan biex ma nsemmix ukoll li meta kont nilgħab il-futbol, (ħamsin kilo ilu) kont imlaqqam 'Ántognoni' għall-player magħruf ta' dan it-tijm.

Għalkemm illum m'għadux jgħallem u lanqas joqgħod il-Birgu pero` Lawrence xorta qalbu għadha l-Birgu u hu kburi li hu minn hawn. Dan jidher ukoll fil-ħidmiet tiegħu f'diversi soċjetajiet fil-Birgu fosthom is-soċjeta` tagħna kif se naraw matul din l-intervista.

Isem

Kif nagħmel dejjem fil-bidu tal-interviżta staqsejtu minn fejn ġie ismu Lawrence. Hu ma jaħsibx li kien hemm xi ħadd partikulari fir-razza li ssemma għalih iżda sempliċiment għax hu mill-Birgu u Lorenzu ħaqqu 'l min jissemma għalih.

Twelid u magħmudija

Lawrence twieled fl-eqqel tat-tieni gwerra dinjija tant li twieled fil-foss fit-13 ta' Mejju tal-1941, waqt li l-familja tiegħu kienet tistkenn mill-bombi tal-għadu. Meta staqsejt lil Lawrence għaliex m'għamlux bħal ħafna familji u sabu kenn f'lokalita` oħra, hu weġibni li fil-fatt huma kienu sabu post Ħal-Qormi pero` billi missieru kien jaħdem it-tarzna bħala *shipwright* u wara *estimator*, għalkem ta' periklu akbar, kien iktar faċli għalihom li jibqgħu joqogħdu l-Birgu viċin ix-xogħol tiegħu.

Minħabba li dak iż-żmien il-parroċċa ta' San Lawrenz kienet intlaqtet bil-bombi u ma kienetx qiegħda tintuża, Lawrence ġie mgħammed fl-Għassa tal-Pulizija li dak iż-żmien kienet f"Couvre Porte. Ġie mgħammed mill-Arċipriet Mons. Pawl Galea li baqa' l-Birgu matul il-gwerra u kien juża kamra fl-Għassa bħala Kappella biex jagħmel il-funzjonijiet fiha.

Jiftakar ukoll li anke wara l-gwerra forsi minħabba li waqgħetilhom id-dar, xi nies baqgħu jgħixu fix-xelters. Tant hu hekk li anki kien hemm xi gabbani.
Il-familja Theuma li fiż-żmien tal-gwerra kienet toqgħod Fosse Hill kienet tikkonsisti fil-missier Joseph li kien mill-Isla fil-waqt li ommu kien jisimha Mary xebba Fenech u kienet mill-Birgu.

B'kollox fil-familja kien hemm 5 ulied. Lawrence kien iż-żgħir tewmi ma' Joyce illum miżżewwġa lil Joseph li jiġu l-ġenituri tal-membru parliamentari Dr.Stephen Spiteri.
Il-kbira kienet Maryanne li hi miżżewwġa lil Danny Callus, Charles, miżżewweġ lil Lina Attard illum qegħdin Sydney l-Awstralja u Louis li kien tabib li kien miżżewweġ lil Maria Fava u li sfortunatment miet ta' 40 sena.

Biex jgħin lill-familja missier Lawrence minbarra xogħol id-Drydocks kellu ħanut tal- arloġġi f'Bormla l-ewwel ħdejn Santa Tereża, imbgħad mar iktar lísfel lejn is-suq. Billi kien fil-qalba ta' Bormla ħdejn it-tarzna, il-ħanut tiegħu kien qisu każin għax kulħadd kien jintefa' hemm jgħid xi kelmtejn waqt li jnewwel l-arloġġ lil 'Theuma tal-Arloġġi" kif kien magħruf missier Lawrence biex isewwihulom.

Wara, il-familja marret toqgħod fi Triq Britannika illum Hilda Tabone, in-naħa li tagħti għal triq id-Dejqa u wara marru joqogħdu fi Triq il-Kwartier sakemm iżżewweġ u Lawrence mar joqgħod fi Triq il-Kardinal.

Il-Birgu ta' wara l-gwerra

Għat-tfal il-Birgu ta' wara l-gwerra b'ħafna bini imwaqqa',debris u ċnagan kull fejn tħares, kien qisu *playground* kbira. Kien lok fejn setgħet timraħ l-immaġinazzjoni għammiela u avventuruża tat-tfal ta' dik l-eta` u hekk kienu ħafna dawk it-tfal li minħabba l-periklu li kien hemm kienu jweġġgħu u kont tara ħafna tfal b'idejhom infaxxata, fil-ġibs jew izappu u jimxu bil-krozzi. (kif qiegħed bħalissa jien waqt li għamilt din l-interviżta).

It-tfal subien kienu jilagħbu il-ballun il-fortini jew f'wesgħa magħrufa bħala 'il-blata' li kienu irranġawha il-ħaddiema tal-fabbrika tan-naru (fejn illum hemm l-uffiċċju tal-Kunsill fi Triq Hilda Tabone) għax kienu jmorru jilagħbu l-ballun hemm fil-ħin tal-mistrieħ. Imbgħad kif tinżel ix-xemx kienu jintasbu bil-qieghda fuq xi siġġu quddiem id-djar barra u joqogħdu jirrakkuntaw. Dan wara li jkunu għejjew u nħalbu jilagħbu ħarba, galletta (bott tal-ħalib jgħaffġuh u min jaqbdu jirbaħ), bil-blalen taċ-ċraret tas-sold, bil-boċċi, żibeġ eċċ. Dejjem skont l-istaġun.

Edukazzjoni

Bħala skola primarja Lawrence kien imur fl-armerija fejn jiftakar bħala l-ewwel għalliema tiegħu kienu Lawrence Zammit Naro u Zerafa Boffa. Dan tal-aħħar kellu drawwa

sabiħa li jagħti t-tfal statwa żgħira ta' San Lawrenz tal-ġibs kif kienu jagħtuhom il-mużew. (Mur għamilha illum din!!, kemm jagħjruk li inti xxaqleb lejn naħa u mhux oħra!!) Wara, hu attenda l-klassijiet standard 4 u 5 tal-iskola tax-Xgħajra ta' Bormla. Minn hemm hu għamel l-eżami u għadda għal-Liceo. Fl-ewwel sentejn tas-sekondarja, il-liċeo dak iż-żmien kien għadu ħdejn il-fabbrika tal-ħalib il-Ħamrun li llum saret skola primarja. Mill-form 3 'íl quddiem hu mar il-Liċeo l-ġdid fejn għadu hemm illum u fejn kont immur skola jien stess.

Iktar studju u karriera

Ta' 17 il-sena kien impjegat bħala *emergency teacher* u ntbagħat il-Gżira għal ftit u wara l-primarja tal-Birgu pero` meta kellu 22 sena hu mar il-Kulleġġ tal-Għalliema St. Michael's Training College f'San Ġiljan immexxi minn De La Salle. Fost l-istudenti li kien hemm insibuuħud li llum isimhom hu magħruf minnha fosthom Vince Farrugia tal-GRTU, il-Profs Joe Pirotta (li inċidentalment kien jgħallimni wkoll) il-Profs Edward Scicluna (illum Ministru tal-Finanzi) kif ukoll, John Demanuele, dak li hu involut fix-xandir.

Wara li temm il-kors il-kulleġġ hu mar jgħallem l-iskola tal-Fortini l-Birgu u meta fis-sebgħinijiet dawn saru *comprehensive schools* mar jgħallem sekondarja tas-subien ħdejn Hubbard Flats li wara saret tal-bniet. Bħala suġġetti Lawrence kien jgħallem il- Maths u għamel xi żmien anke il-Physical Education. 'Il quddiem hu għamel kors ta' *librarianship* u minbarra it-tgħalim fil-klassi kien jieħu ħsieb ukoll il-librerija tal-iskola. Għal xi żmien kontra qalbu ġie trasferit għal skola f' Sta. Venera pero` wara intbgħat lura Bormla fejn baqa' jgħallem hemm sakemm irtira ta' 61 fis-sena 2002.

Mużew

Meta kien żgħir bħal tfal oħra kien imur il-mużew sakemm għamel il-preċett imbgħad il-griżma. Praspura ħelwa li jiftakar kienet meta kien hemm tnejn minn sħabu li wara il-festa ta' San Duminku ġabru xi porvli, tefgħuhom ġo żewġ fliexken tal-ħġieġ u splodewhom fit-taraġ waqt il-lezzjoni tal-mużew. Tistgħu taħsbu x'ħoss għamel u kemm irbombja fil-bini magħluq! Dan ħoloq paniku kbir għax ħasbu li seta' weġġa' xi ħadd jew kien hemm xi ħsara iżda fortunatament ma ġara xejn minn dan.

Griżma

Bi tbissima Lawrence qalli li minħabba ċ-ċirkostanza partikolari la l-magħmudija u lanqas il-griżma m'għamilhom kif suppost fil-Parroċċa ta' San Lawrenz. Il-magħmudija kif semmejt diġa` minħabba l-gwerra u l-griżma minħabba raġuni oħra.

Dan għaliex inzerta li dakinhar li kellu jagħmel il-griżma l-Arċisqof ta' dak iż-żmien Mikiel Gonzi inzerta ma jiflaħx u hekk tħassret mill-Parroċċa. Ġara li billi missier Lawrence kien se jagħmillu party kemm lilu u lil oħtu it-tewmija u l-ikel kien diġa` ordnat u lest ra kif għamel u rranġa biex il-griżma xorta issir dakinhar. Għalhekk irranġa sabiex l-Isqof Galea jagħmillhom il-griżma xorta fil-Palazz tiegħu iż-Żejtun fil-kunvent tas-sorijiet tan-Nazzarenu fejn sal-lum għadu jintrama' il-presepju mekkaniku.

Azzjoni Kattolika

Wara l-mużew mar bħal tfal oħra ta' żmienu l-fergħa tas-subien tal-Azzjoni Kattolika li s-sede tagħha dak iż-żmien kien fil-bidu ta' Triq La Valette. Iċ-Chaplain ta' din l-għaqda kien Dun Jimmy Brincat. Fost il-membri attivi fost oħrajn kien hemm Lorry Farrugia kif ukoll Twanny Gauci li kien idawwar il-films. Hemm hu dam madwar tliet snin u fost l-attivitajiet li kienu jsiru kien hemm ukoll it-tejatrin li kien popolari ħafna dak iż-żmien.

Żgħażagħ Ħaddiema Nsara

Wara hu, flimkien ma' Oscar Adami, Lawrence Bonnici illum mejjet u Spiru Buhagiar u oħrajn bdew il-fergħa tal-Birgu taż-Żgħażagħ Ħaddiema Nsara. Interessanti li Lawrence kien l-editur ta' gazzetta li kienet toħroġ kull xahar minn din l-għaqda bl-isem ta' "Vittoriosa". L-għan ta' din il-gazzetta kien li tagħti tagħrif dwar l-attivitajiet li kienu jsiru l-Birgu kif ukoll artikli interessanti ta' natura kulturali u storika. L-ewwel lok ta' din l-għaqda li dak iz-zmien kienet titmexxa minn Dun Ġużepp Caruana kien fit-telgħa tax-xatt u wara fil-post fejn illum hemm is-Soċjeta` Storika.

Għaqdiet Oħra

Lawrence għamel żmien ukoll fil-kumitat tal-Vittoriosa Stars meta dawn kienu fit-tielet diviżjoni u kienu jilagħbu fuq l-art iebsa tas-Schreiber. Fis-sena 1967 kien ukoll segretarju. Bħala futbol hu kien jilgħab meta kien għadu żgħir u meta kien il-kulleġġ pero` mat-tijm tal-Birgu lagħab biss mar-reserves fil-pożizzjoni ta' attakkant.

Għalkemm hu qatt ma kien abbati, ġieli kien jgħin fil-knisja lil Renzo Degabriele s-sagristan. Kien ukoll fil-kor tal-Parroċċa taħt is-Surmast Lorenzo Galea u ħuh Anġlu Galea. Minbarra naturalment fil-Parroċċa tagħna, bħala kor kienu jmorru jkantaw ukoll f'Parroċċi oħra.

Fil-proċessjoni tal-Ġimgħa l-Kbira qatt ma ħa sehem għalkemm bħala żagħżugħ hu ġieli tah xi ġirja lil Kristu Rxoxt.

Għal xi żmien Lawrence flimkien m'oħrajn kienu waqqfu għaqda taż-żagħżagħ li kienet awtonoma minn kull għaqda oħra fil-Birgu. Dawn kienu jagħmlu attivitajiet soċjali u kulturali fosthom discos, anke *b'live band* u darba anke serata lettererja li kienet ta' livell għoli. Sfortunatament din l-għaqda mietet f'qasir il-għomor minħabba reżistenza qawwija mill-awtoritajiet ta' dak iż-żmien.

Vittoriosa Lawn Tennis Club

Lawrence kien ukoll membru fundatur tal-Vittoriosa Lawn Tennis Club fi żmien Stephen Giles Ash u Frank Edward

Ash. Minhabba li *tennis courts* ma kienx hawn fil-Birgu, għall-ewwel kienu jmorru jilagħbu f' St. Edwards u De La Salle. Wara, bis-saħħa ta' Mons. Lawrence Mifsud, li billi kien naval chaplain kien kellem lill-Commander biex l-għaqda tkun tista' tuża it-*tennis courts* f'Kordin li dak iż-żmien kienu f'idejn is-servizzi Ingliżi. Lawrence dam 20 sena bħala Segretarju u għalkemmm kien hemm min oppona għall-isem u l-arma, fit-tnejn hemm it-timbru tal-Birgu tant li l-arma tal-club hi l-arma tal-Birgu.

Festa

Għalkemm ma nistgħux ngħidu li Lawrence kien xi dilettant kbir tal-festa pero` bħat-tfal l-oħra għamel perjodu fejn involva ruħu. Jiftakar li fl-Oratorju ta' San Ġużepp (illum il-mużew tal-Parroċċa) taħt it-tmexxija ta' Wenzu ta' Natal u Karmenu Attard "ít-tobby" kienu jwaħħlu il-karti tat-tajr mal-*freezes* ta' fuq il-qaddisin tal-pjazza kif ukoll il-karti ħodor, sofor u ħomor tal-liedna tal-karti. Jiftakar sew il-maltempata tas-sena 1953 u jiftakar li fit-telgħa tax-xatt kien hemm ajkli tal-kartun bil-fidda li dagħbu bix-xita.

Ħajja Soċjali u Familja

Bħala l-iktar ħabib qrib tiegħu kien hemm Oscar Adami, illum kaxxier tas-Soċjeta` tagħna. Hu flimkien ma' Oscar u oħrajn kienu joħorġu billi jmorru jaraw xi film ir-Rialto jew il-Belt Valletta.

Wara sar ħabib kbir ta' Eddie D'Agostino. Tant kienu qrib xulxin, li Eddie kien il-bestman tat-tieġ ta' Lawrence u Maryanne. Lawrence baqa' ħabib ta' Eddie sakemm miet is-sena l-oħra.

Lill-mara tiegħu Maryanne, Lawrence kien ilu jafha minn mindu kienet għadha żgħira minħabba li ma kinux joqogħdu tant 'il bogħod minn xulxin. Fil-fatt omm Maryanne, Ċetta Pule, illum mejta, kienet tgħidlu li probabbilment hu kien attenda l-festin tal-magħmudija tagħha. Pero` 'il quddiem hu sar jafha iktar waqt l-attivitajiet soċjali taż-żgħażagħ ta' dak iż-żmien. Huma żżewwġu fil-21 ta' Lulju 1973 fil-Parroċċa ta' San Lawrenz. Għall-ewwel kienu joqogħdu fi Trafalgar Flats fi Triq il-Kardinal, u fl-1990 marru joqogħdu Wied il-Għajn fejn għadhom joqogħdu hemm sal-lum.

Naħseb kulħadd jaf li martu Maryanne hija għalliema li tgħin lin-nisa meta jkunu se jkollhom tarbija. Hi tieħu sehem f'diversi programmi fil-media fejn titkellem fuq dan is-suġġett. Dan minbarra lectures, korsijiet u attivitajiet li torganizza fl-iskola tagħha f'Wied il-Għajn.

Miż-żwieġ, bħala tfal, Lawrence u Maryanne kellhom lil Ruth li tgħix l-Ingilterra u għandha żewġt itfal Luca u Matthew. Warajha kellhom lil Mark, miżżewweġ lil Caroline u għandhom lil Andre` u Christa u it-tielet wild hu Simon li hu għarus.

Każin tal-Banda

L-ewwel ħaġa li ħajret lil Lawrence jersaq lejn il-każin kien il-logħob tal-billiard. Hemm flimkien ma' nies bħal Joe Schembri, Lawrence Scicluna, ħuh Dr. Louis Theuma, Lorry Vella, Gejtu Galea, Joe Mifsud u oħrajn kienu jqattgħu sieħat twal jilagħbu. Dak iż-żmien il-billiard kienu jieħu ħsiebu Karlozzu Ancilleri kif ukoll jiftakar lil Peppi tal-Kornu.

Minħabba li skont ir-regolament id-dritta biex jilagħbu l-billiard kienu joħduha l-membri, ta' 18 il-sena daħal membru u ilu hemm iktar minn 55 sena. Sa minn dak iż-żmien il-każin, anke minħabba l-pożizzjoni perfetta li qiegħed f'nofs il-pjazza prinċipali dejjem kien iċ-ċentru tal-ħajja soċjali. Lawrence jiftakar ukoll li fil-karnival kien ikun hemm orkestra fil-veranda u n-nies jiżfnu fil-pjazza.

Lawrence ma setax jagħżel sena iktar imqallba mis-sena 1962 meta daħal l-ewwel darba bħala membru fil-kumitat tal-każin. Dan għaliex kienet is-sena fejn minħabba kwistjoni li nqalgħet għall-ewwel u l-unika darba l-każin ma ħax sehem fil-festa ta' San Lawrenz.

Imbgħad reġa' daħal fil-kumitat fis-sena ċentinarja tal-1983 fejn anke ikkuntattja lill-kollega tiegħu l-għalliem u poeta Alfred Massa minn Ħal Tarxien biex jikteb il-kliem tal-Innu Marċ popolari "Ċentinarju" tas-surmast Pawlu Schembri.

Il-Każin illum u fil-ġejjieni

Għall-mistoqsija ritwali tiegħi dwar l-opinjoni tiegħu fuq il-każin hu wieġeb hekk "Illum il-kunċett tal-każin inbidel u nfetaħ iktar minħabba r-ristorant. Qabel kien iktar magħluq u kien l-aktar għall-membri. Il-każin mexa ħafna 'il quddiem u l-*maintenance* tiegħu hi tajba ħafna. Il-ħasra hi li ż-żgħażagħ naqsu fil-Birgu u l-importanza li l-każin kellu fil-ħajja soċjali imqabbla mal-passat naqqset sew. Anke qabel meta kienet iddoqq il-banda f'xi post ieħor kien jiġi organizzat trasport".

Hu żied li madankollu xorta l-każin għad għandu jkollu sehem fil-ħajja soċjali u jissuġerixxi li anke jsiru taħdiditiet anke ta' natura kulturali, fuq l-istorja u l-mużika. Hekk tista' tiġbed in-nies forsi anke dawk barranin. Hu saħaq li d-diriġenti tal-każin għandhom jagħtu każ tar-realta` ġdida li hawn ħafna barranin li joqogħdu l-Birgu u jinvolvuhom fl-attivitajiet tal-każin.

Il-Birgu illum u fil-ġejjieni

Dwar il-Birgu Lawrence wieġeb hekk "Il-Birgu illum narah qisu mużew. Veru għamel progress pero` qabel iktar kellu ħajja, iktar tfal fit-toroq, iktar ħajja fil-każini u l-ħwienet. Hawn problema kbira ta' parking u saret diffiċli ħafna biex wieħed isib jipparkja".

Lawrence ikkonkluda fuq nota pożittiva u qalli li l-Birgu qiegħed u għad jerġa' jieħu l-glorja tiegħu u ħafna nies jerġgħu jixtiequ jmorru joqogħdu hemm inkluż hu stess.

U b'dawk l-aħħar kelmiet aħna sellimna lil xulxin imma mhux qabel m'għaddejna żewġ kelmiet tal-aħħar dwar kif sejjer it-tijm tagħna ... il-Fiorentina.

ATTIVITÀ GĦAX-XHUR TA' NOVEMBRU - DIĊEMBRU 2014

It-Tnejn 3 ta' Novembru	Seduta tal-Qorti dwar il-maħżen tal-planċier
L-Erbgħa 5 ta' Novembru	Fl-10.00 am Laqgħa tal-Kummissjoni Finanzi
Il-Ġimgħa 7 ta' Novembru	Fis-7.00 pm Seminar dwar il-Festa 2015 fil-Youth Centre
Is-Sibt 8 ta' Novembru	Fil-5.30 pm Quddiesa fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann fl-okkażjoni tal-Festa ta' Santa Ċeċilja
L-Erbgħa 12 ta' Novembru	Fis-7.00 pm Laqgħa tal-Kummissjoni Milied
Il-Ġimgħa 14 ta' Novembru	Ħarġa ta' Ġurnata għall-irġiel
It-Tlieta 18 ta' Novembru	Fis-6.00 pm Laqgħa Ġenerali Straordinarja Fis-7.00 pm Laqgħa tal-Kumitat Ċentrali
Il-Ġimgħa 28 ta' Novembru	Fis-7.00 pm Laqgħa tal-Kummissjoni Banda
Is-Sibt 29 ta' Novembru	Lotterija Hamper
Il-Ħadd 30 ta' Novembru	Kunċert Annwali tal-Għaqda Każini tal-Banda
It-Tnejn 1 ta' Diċembru	Fis-6.30 pm Laqgħa tal-Kummissjoni Ġimgħa Kbira
Il-Ġimgħa 5 ta' Diċembru	Fl-10.00 am Laqgħa tal-Kummissjoni Finanzi
It-Tnejn 8 ta' Diċembru	**Festa tal-Immakulata Kunċizzjoni**
L-Erbgħa 10 ta' Diċembru	Fis-7.00 pm Laqgħa tal-Kumitat Ċentrali
Il-Ġimgħa 12 ta' Diċembru	Fit-8.00 pm Ikla tal-Milied fil-Hotel Cavallieri Lotterija Hamper
Is-Sibt 13 ta' Diċembru	**Festa Nazzjonali Jum ir-Repubblika**
L-Erbgħa 24 ta' Diċembru	Sehem tal-Banda San Lawrenz fil-Proċessjoni tal-Bambin
Il-Ħamis 25 ta' Diċembru	**IL-MILIED**
Il-Ħadd 28 ta' Diċembru	Party tal-Milied għall-membri, bandisti u l-familji.
L-Erbgħa 31 ta' Diċembru	L-aħħar Jum tas-sena 2014

hsbc.com.mt
2380 2380
HSBC
Approvat u maħruġ mill-HSBC Bank Malta p.l.c., 116, Triq l-Arċisqof, Valletta VLT1444

MIFSUD GARAGE LTD.

IRONMONGERY

Għal dak kollu li wieħed ikollu bżonn għad-dar

56, La Vallette Street, Vittoriosa

Tel: 2180 7535

Breakaway Travel
Blacktown

George Vella
Managing Director

94 Cnr Main & Campbell Street
BLACKTOWN NSW 2148
PO Box 27, BLACKTOWN NSW 2148

Tel: 02 9622 7799
Fax: 02 9671 6706
Mobile: 0408 079 246
Email: gvella@breakawaytravel.com.au

Proud to be associated with the Committee of the St Lawrence Band Club, Vittoriosa, Malta